KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI MENGOZZI
ppreżentati fil-15 ta' Ġunju 2010[1]

I — Introduzzjoni

1. Fil-kawża preżenti, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mistiedna tiċċara l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Ġunju 2000, dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-suq intern (iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku")[2] u wara tapplika għal darb' oħra l-ġurisprudenza tagħha Keck u Mithouard[3], billi tiddeċiedi dwar il-kwistjoni jekk projbizzjoni ta' bejgħ ta' lentijiet tal-kuntatt bl-internet hijiex kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-merkanzija.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.
2 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 25, p. 399.
3 — Sentenza tal-24 ta' Novembru 1993 (C-267/91 u C-268/91, Ġabra p. I-6097).

II — Il-kuntest ġuridiku

A — *Id-dritt primarju tal-Unjoni*

2. L-Artikolu 28 KE jipprovdi li "[r]estrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni u kull miżura li għandha effett ekwivalenti għandhom ikunu projbiti bejn l-Istati Membri".

3. L-Artikolu 30 KE jipprovdi li "[i]d-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 28 u 29 inklużi ma għandhomx jeskludu projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet dwar l-importazzjoni, esportazzjoni jew transitu meta dawn ikunu ġġustifikati abbażi ta' moralità pubblika, ordni pubbliku, sigurtà pubblika, il-protezzjoni tas-saħħa u l-ħajja ta' persuni jew ta' annimali, jew il-preservazzjoni tal-pjanti, il-protezzjoni tal-patrimonju nazzjonali ta' valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku jew il-protezzjoni ta' proprjetà industrijali u kummerċjali. Madankollu dawn il-projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet m'għandhomx jikkostitwixxu la mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja u lanqas restrizzjoni moħbija tal-kummerċ bejn l-Istati Membri".

B — *Id-dritt sekondarju tal-Unjoni*

4. L-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ġunju 1998 [4], jistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-Regolamenti Tekniċi, kif emendata bid-Direttiva 98/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Lulju 1998 [5], (iktar 'il quddiem "id-Direttiva 98/34"), tiddefinixxi s-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, kif għandhom jinftiehmu fis-sens tal-imsemmija direttivi, kif ġej:

"'servizz': kull servizz tas-Soċjetà ta' l-Informatika, jiġifieri kull servizz normalment ipprovdut għal rimunerazzjoni, mill-bogħod, b'mezzi elettroniċi u fuq it-talba individwali ta' riċevitur ta' servizzi.

Għall-għanijiet ta' din id-definizzjoni:

— 'mill-bogħod'; tfisser illi servizz jiġi pprovdut mingħajr ma l-partijiet ikunu preżenti simultanjament,

— 'b'mezzi elettroniċi'; tfisser illi fil-bidu s-servizz jintbagħat u jiġi rċevut fid-destinazzjoni tiegħu permezz ta' tagħmir elettroniku għall-ipproċessar (inkluża kompressjoni diġitali) u l-ħażna ta' data, u dan jiġi trasmess, imwassal u rċevut għal kollox permezz ta' wajers, bir-radjo, b'mezzi ottiċi jew b'mezzi oħra elettro-manjetiċi,

— 'fuq it-talba individwali ta' riċevitur tas-servizzi'; tfisser illi s-servizz jiġi pprovdut permezz tat-trasmissjoni ta' data fuq talba individwali.

Lista indikattiva tas-servizzi mhux koperti b'din id-definizzjoni hija mogħtija fl-Anness V.

[…]"

5. Il-premessa 18 tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku tispeċifika, b'mod partikolari Ara l-punt 1 ta' dawn il-konklużjonijiet., li "attivitajiet li min-natura propja tagħhom ma jistgħux jiġu mwettqa mill-bogħod b'mezzi elettroniċi, bħal ma huwa l-awditjar statutorju tal-kontijiet ta' kumpanija jew parir mediku li jinħtieġ eżami fiżiku ta' pazjent mhumiex servizz minn soċjetà ta' l-informazzjoni".

4 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 20, p. 337.
5 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 21, p. 8.

6. Il-premessa 21 tipprovdi li "il-qasam kordinat ikopri biss ħtiġijiet li jirrigwardjaw attivitajiet online bħal ma hija informazzjoni minn, reklamar online, xiri online, kuntratti online u ma tikkonċernax il-ħtiġijiet legali ta' Stati Membri li jirrigwardaw oġġetti bħal ma huma normi ta' sigurtà, obbligu ta' tikkettjar, jew responsabbiltà għal oġġetti, jew il-ħtiġijiet ta' Stati Membri li jirrigwardaw il-kunsinna jew it-trasport ta' oġġetti, inkluża d-distribuzzjoni ta' prodotti mediċi".

7. L-Artikolu 1(3) tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku jipprovdi li "[d]in id-Direttiva tikkumplementa l-liġi tal-Komunità applikabbli għal servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni mingħajr preġudizzju għall-livell ta' protezzjoni ta", partikolarment, interessi tas-saħħa pubblika u tal-konsumatur, kif stabbiliti b'atti tal-Komunità u leġislazzjoni nazzjonali li timplimentahom sal-limiti li ma jirrestriġix il-libertà li jkunu provduti servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni.

8. L-Artikolu 2(a) tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku jiddefinixxi s-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni bħala "servizzi fil-qofol ta' dak li jfisser l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 98/34/KE kif emendata bid-Direttiva 98/48/KE".

9. L-Artikolu 2(h) tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku jiddefinixxi l-qasam ikkoordinat bħala l-"ħtiġijiet stipulati fis-sistemi legali ta' Stati Membri applikabbli għal min jipprovdi servizz minn soċjetà ta' l-informazzjoni jew għas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, independentement minn jekk dawn ikunux ta' natura ġenerali jew iddisinjati speċifikament għalihom."

10. L-Artikolu 2(h)(i) jipprovdi li:

"[i]l-qasam ikkordinat jikkonċerna ħtiġijiet li magħhom dak li jipprovdi s-servizz għandu jkun konformi fir-rigward ta':

— il-bidu ta' l-attività ta' servizz minn soċjetà ta' l-informazzjoni, bħal ma huma l-ħtiġijiet li jikkonċernaw kwalifiki, awtorizzazzjoni jew notifikazzjoni,

— il-prattika ta' l-attività ta' servizz minn soċjetà ta' l-informazzjoni, bħal ma huma ħtiġijiet li jikkonċernaw l-imġieba ta' dak li jipprovdi servizzi, ħtiġijiet li jirrigwardaw il-kwalità jew kontenut tas-servizz inklużi dawk applikabbli għal reklamar u kuntratti, jew ħtiġijiet li jikkonċernaw ir-responsabbiltà ta' min jipprovdi s-servizz;"

11. L-Artikolu 2(h)(ii) ikompli billi jipprovdi:

"[i]l-qasam ikkordinat ma jkoprix ħtiġijiet bħal ma huma:

— ħtiġijiet applikabbli għal merkanzija bħala tali,

— ħtiġijiet applikabbli għal kunsinna ta' merkanzija,

— ħtiġijiet applikabbli għal servizzi li ma humiex ipprovduti b'mezzi elettroniċi."

12. L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku jistipula li "[l]-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-bidu u l-prattika ta' l-attività ta' dak li jipprovdi servizz minn soċjetà ta' l-informazzjoni ma jkunux jistgħu jsiru suġġetti għal awtorizzazzjoni bil-quddiem jew [għal] […] ħtiġijiet oħra li jkollhom effett ekwivalenti", qabel ma jispeċifika, fl-Artikolu 4(2), li "l-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għal skemi ta' awtorizzazzjoni li ma humiex speċifikament u esklussivament immirati lejn servizz minn soċjetà ta' l-informazzjoni".

C — *Il-leġiżlazzjoni u r-regolamenti Ungeriżi*

13. L-Artikolu 1(3) tal-Liġi CVIII. tal-2001 dwar is-servizzi ta' kummerċ elettroniku u s-servizzi marbuta mas-soċjetà tal-informazzjoni (A elektronikus kereskedelmi szolgáltatások, valamint az információs társadalommal összefüggő szolgáltatásokról szóló 2001. évi CVIII. Törvény, iktar 'il quddiem il-"Liġi CVIII. tal-2001") jipprovdi li "l-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi preżenti ma jestendix għas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni mogħtija u użati fi proċedura ġudizzjarja jew fi kwalunkwe proċedura amministrattiva oħra, u jibqa' bla ħsara għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet intiżi li jipproteġu d-data personali". L-Artikolu 1(4) ikompli: "il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi preżenti ma jestendix għal komunikazzjonijiet magħmula permezz ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni minn persuna għal finijiet li mhumiex marbuta mat-twettiq ta' attività ekonomika jew professjonali, jew ta' funzjoni ta' servizz pubbliku, u lanqas għal manifestazzjonijiet ta' rieda kuntrattwali mwettqa b'dan il-mod".

14. L-Artikolu 3(1) ta' din l-istess liġi jipprovdi li "[l]-ebda awtorizzazzjoni minn qabel u lanqas ebda deċiżjoni amministrattiva li għandha effett simili ma hija neċessarja għat-tnedija jew għat-twettiq ta' attività ta' provvista ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni".

15. L-Artikolu 1 tar-Regolament 7/2004 (XI.23.) tal-Ministeru tas-saħħa pubblika dwar ir-rekwiżiti professjonali fil-qasam tal-kummerċjalizzazzjoni, tat-tiswija u tas-self ta' apparat mediku (A gyógyászati segédeszközök forgalmazásának, javításának, kölcsönzésének szakmai követelményeiről szóló 7/2004 (XI. 23.) Egészségügyi Minisztériumi rendelet, iktar 'il quddiem ir-"Regolament 7/2004") jipprovdi li "r-regolament preżenti huwa, bla ħsara għal dak li jirrigwarda l-apparat mediku elenkat fl-Anness 1, applikabbli għat-twettiq ta' attivitajiet li jikkonsistu fil-kummerċjalizzazzjoni, fit-tiswija u fil-kiri ta' kwalunkwe apparat mediku, u fil-kunsinna ta' tali apparat, kif ukoll fil-manifattura ta' apparat mediku adattat għall-ħtiġijiet individwali. […] Il-kummerċjalizzazzjoni, it-tiswija u l-kiri ta' apparat mediku rregolat b'dan ir-regolament għandhom ikunu kkunsidrati servizzi ta' saħħa".

16. L-Artikolu 2 tal-istess regolament jipprovdi li:

"għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan ir-regolament:

a) apparat mediku jfisser apparat tekniku mediku jew ta' kura miżmum minn persuna li, b'mod temporanju jew permanenti jsofri minn deterjorament fl-istat ta' saħħa, minn diżabbiltà jew minn invalidità,

[…]".

17. Skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament7/2004,"il-kummerċjalizzazzjoni, it-tiswija u l-kiri ta' apparat mediku jistgħu jsiru […] f'ħanut speċjalizzat, sakemm tinkiseb l-awtorizzazzjoni għall-operazzjoni skont il-leġiżlazzjoni speċjali u sakemm ikunu sodisfatti r-rekwiżiti previsti fil-punti I.1 u I.2 tal-Anness 2 ta' dan ir-regolament".

18. L-Artikolu 4(5) tar-Regolament 7/2004 jirregola l-kunsinna fil-post ta' abitazzjoni kif ġej:

"Tista' ssir il-kunsinna fil-post ta' abitazzjoni ta':

a) apparat mediku standard u msewwi,

b) apparat mediku użat għall-finijiet ta' prova u/jew ta' adattazzjoni, jew żviluppat skont il-ħtiġijiet individwali biss sabiex tkun tista' ssir prova u familjarizzazzjoni, għall-finijiet ta' konsum finali".

19. L-Anness I tal-imsemmi regolament jipprovdi espressament li:

"l-apparat mediku li ġej ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament:

[…]

— l-oġġetti ottiċi standard, b'eċċezzjoni tal-lentijiet tal-kuntatt;

[…].”

20. Barra minn hekk, l-Anness 2 tar-Regolament 7/2004 jagħmel riferiment għal tnejn mir-rekwiżiti speċjali msemmija fl-Artikolu 3(1). Il-punt I.1(d) ta' dan l-anness jipprovdi, fost ir-rekwiżiti materjali li għandhom jiġu sodisfatti, li “għall-kummerċjalizzazzjoni tal-lentijiet tal-kuntatt u ta' nuċċalijiet li jiġu adattati skont il-ħtiġijiet individwali, jeħtieġ ħanut ta' superfiċje minima ta' 18m2 jew ħanut separat mill-workshop”. Min-naħa tiegħu, il-punt I.2(ċ) ta' dan l-anness jelenka wieħed mir-rekwiżiti *ratione personae*, għaliex jeżiġi li sabiex persuna tkun tista' tinnegozja fil-lentijiet tal-kuntatt, hija għandha “teżerċità l-professjoni ta' ottometrist jew ta' tabib oftalmologu kwalifikat fil-qasam tal-lentijiet tal-kuntatt”.

III — Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

21. Ker-Optika Bt. (iktar 'il quddiem “Ker-Optika” jew “ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali”) hija soċjetà in akkomandita sempliċi rregolata mid-dritt Ungeriż li, fost attivitajiet oħra, tikkummerċjalizza lentijiet tal-kuntatt permezz tas-sit internet tagħha.

22. Fid-29 ta' Awwissu 2008, Ker-Optika kienet is-suġġett ta' deċiżjoni amministrattiva, adottata mill-ÀNTSZ Pécsi, Sellyei, Siklósi Kistérségi Intézete, il-fergħa lokali tal-ÀNTSZ, fi kliem ieħor, is-servizzi tal-Istat għas-saħħa pubblika u l-affarjiet sanitarji, li ma ħallithiex tikkummerċjalizza l-lentijiet tal-kuntatt bl-internet.

23. Ker-Optika ppreżentat ilment quddiem l-ÀNTSZ Dél-dunántúli Regionális Intézete, id-Direttorat reġjonali tas-servizzi msemmija iktar 'il fuq, li permezz ta' deċiżjoni tal-14 ta' Novembru 2008, ċaħad l-ilment u kkonferma d-deċiżjoni ta' projbizzjoni adottata mill-fergħa lokali kontra Ker-Optika, filwaqt li bbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq l-Artikolu 3(1) tar-Regolament 7/2004. Għalhekk, ir-Regolament 7/2004 jipprekludi l-kummerċjalizzazzjoni tal-lentijiet tal-kuntatt permezz ta' mezzi elettroniċi, għaliex, għall-kuntrarju, huwa jeżiġi li l-lentijiet tal-kuntatt jinbiegħu f'ħanut tan-nuċċalijiet speċjalizzat, li jissodisfa kemm ir-rekwiżiti *ratione materiae* kif ukoll dawk *ratione personae* li għalihom jagħmel riferiment l-Artikolu 3(1) tal-imsemmi regolament.

24. Peress li ma qablitx ma' din l-interpretazzjoni li kellha l-effett li tipprojbixxi parti min-negozju tagħha, Ker-Optika ppreżentat rikors quddiem il-Baranya Megyei Bíróság (tribunal tat-territorju ta' Baranya) bil-għan li tiġi annullata d-deċiżjoni tad-Direttorat ġenerali tas-servizzi tal-Istat għas-saħħa pubblika u l-affarjiet sanitarji.

25. Quddiem il-qorti tar-rinviju, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali sostniet li, minn naħa, il-kummerċjalizzazzjoni tal-lentijiet tal-kuntatt kienet servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni u li, f'dan ir-rigward, id-deċiżjoni kontenzjuża kienet għalhekk tmur kontra l-Artikolu 3(1) tal-Liġi CVIII. tal-2001, li jipprovdi li l-ebda awtorizzazzjoni minn qabel jew ebda deċiżjoni amministrattiva li għandha effett simili ma hija neċessarja għat-tnedija jew għat-twettiq ta' attività ta' provvista ta' servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni. Min-naħa l-oħra, peress li r-Regolament 7/2004 jawtorizza l-kunsinna ta' apparat mediku fil-post ta' abitazzjoni, kellha tiġi permessa l-kummerċjalizzazzjoni tal-lentijiet tal-kuntatt bl-internet.

26. Min-naħa tagħha, il-konvenuta fil-kawża prinċipali invokat id-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku, b'mod partikolari l-premessa 18 tagħha. Hija ssostni li l-kummerċjalizzazzjoni tal-lentijiet tal-kuntatt hija attività li ma tistax titwettaq mill-bogħod għaliex hija simili għal parir mediku li jeħtieġ l-eżami fiżiku tal-pazjent, u għalhekk taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija direttiva. Minħabba dan il-fatt, id-dispożizzjonijiet tal-Liġi CVIII. tal-2001, li tittrasponi fid-dritt Ungeriż id-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku, ma jistgħux jiġu applikati għall-attività inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

27. Peress li ltaqgħet ma diffikultà ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Baranya Megyei Bíróság iddeċieda li jissospendi l-proċeduri u, b'deċiżjoni ta' rinviju tal-10 ta' Frar 2009, skont l-Artikolu 234 KE għamel lill-Qorti tal-Ġustizzja, it-tliet domandi preliminari li ġejjin:

"1) Il-kummerċjalizzazzjoni ta' lentijiet tal-kuntatt tikkostitwixxi parir mediku li jeħtieġ eżami fiżiku tal-pazjent, b'mod li ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva [dwar il-kummerċ elettroniku]?

2) Jekk il-kummerċjalizzazzjoni ta' lentijiet tal-kuntatt ma tikkostitwixxix parir mediku li jeħtieġ eżami fiżiku tal-pazjent, l-Artikolu 30 tat-Trattat KE għandu jiġi interpretat fis-sens li jmorru kontra d-dispożizzjonijiet ta' Stat Membru li jipprevedu li l-lentijiet tal-kuntatt jistgħu jinbiegħu fi ħwienet speċjalizzati fl-apparat mediku biss?

3) Il-leġiżlazzjoni Ungeriża li tawtorizza l-kummerċjalizzazzjoni ta' lentijiet tal-kuntatt fi ħwienet speċjalizzati fl-apparat mediku biss, tmur kontra l-prinċipju ta' moviment liberu tal-merkanzija previst fl-Artikolu 28 tat-Trattat KE?"

28. Qabel xejn, il-qorti tar-rinviju sostanzjalment tistaqsi jekk l-attività inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku u huwa biss fil-każ fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi fin-negattiv

li tqajjem domanda ta' interpretazzjoni tad-dritt primarju tal-Unjoni. Huwa b'mod partikolari fil-kuntest ta' din l-aħħar sitwazzjoni li tista' tqum il-problema tal-applikazzjoni tal-ġurisprudenza Keck u Mithouard.

inkwistjoni hijiex koperta mid-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku, u għaldaqstant jekk, il-kompatibbiltà tar-Regolament 7/2004 mad-dritt tal-Unjoni għandhiex tiġi evalwata fid-dawl tal-imsemmija direttiva.

IV — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

29. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati mill-Gvernijiet ta' Spanja, tal-Greċja, tal-Ungerija, tal-Pajjiżi l-Baxxi u tar-Repubblika Ċeka kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea.

30. L-osservazzjonijiet orali tal-Gvernijiet ta' Spanja, tal-Greċja, tal-Ungerija, tal-Pajjiżi l-Baxxi u tar-Repubblika Ċeka kif ukoll tal-Kummissjoni Ewropea nstemgħu fis-seduta tal-15 ta' April 2010.

V — Fuq l-ewwel domanda preliminari

31. Meta tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-kummerċjalizzazzjoni tal-lentijiet tal-kuntatt hijiex parir mediku li jeħtieġ il-preżenza fiżika tal-pazjent, il-qorti tar-rinviju tfittex li, qabel xejn, issir taf jekk l-attività

32. Ir-Regolament 7/2004 inkwistjoni fil-kawża prinċipali jirriżerva l-possibbiltà ta' kummerċjalizzazzjoni tal-lentijiet tal-kuntatt — li fid-dritt Ungeriż huma kkunsidrati bħala apparat mediku — għal ħwienet speċjalizzati, b'superfiċje minima ta' 18m2 (jew li għandhom ħanut separat mill-workshop) u għal persuni li jeżerċitaw il-professjoni ta' ottometrist jew tabib oftamologu. Għaldaqstant, il-kummerċjalizzazzjoni ta' dawn it-tip ta' prodotti bl-internet hija pprojbita. Madankollu, il-qorti tar-rinviju tfakkar li l-kunsinna fil-post ta' abitazzjoni għal skopijiet ta' konsum finali ta' apparat mediku kopert mill-imsemmi regolament, u għalhekk inklużi l-lentijiet tal-kuntatt, hija awtorizzata, bla ħsara għall-osservanza tar-rekwiżiti imposti mir-Regolament 7/2004 [6].

33. Anki qabel ma nidħol iktar fil-fond fil-kwistjoni dwar jekk il-kummerċjalizzazzjoni tal-lentijiet tal-kuntatt hijiex assimilabbli għal parir mediku li jirrikjedi l-preżenza

6 — Fir-risposta tiegħu għad-domanda bil-miktub, il-Gvern Ungeriż speċifika li "l-kunsinna tal-[lentijiet tal-kuntatt] fil-post ta' abitazzjoni għall-finijiet ta' konsum finali tista' ssir biss għall-iskop biex tkun tista' ssir prova u familjarizzazzjoni", li jwassal wieħed biex jaħseb li l-kunsinna tista' ssir biss minn persuni kwalifikati (ara l-punt 7 tar-risposta għad-domanda magħmula lill-Gvern Ungeriż).

fiżika tal-pazjent, naħseb li l-għan tal-ewwel domanda, li għandha tinqara flimkien mat-tieni u mat-tielet domandi, huwa li jiġi ddeterminat jekk il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li għandha l-konsegwenza li teskludi mill-bejgħ bl-internet kategorija partikolari ta' merkanzija għandhiex tkun analizzata biss fid-dawl tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku.

34. Id-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku hija intiża li tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern billi toħloq, f'dan il-qasam, qafas ġuridiku intiż li jiżgura l-moviment liberu tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri. Hekk kif jindika t-titolu tagħha, id-direttiva tirrigwarda biss "ċerti" aspetti ġuridiċi tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni u, kif jispeċifika l-Artikolu 1(2) tagħha, id-direttiva għandha biss l-għan li tarmonizza "ċerti disposizzjonijiet nazzjonali dwar servizz minn soċjetà ta' l-informazzjoni li jirrigwardaw is-suq intern, l-istabbiliment ta' dawk li jipprovdu servizzi, komunikazzjonijiet kummerċjali, kuntratti elettroniċi, ir-responsabbiltà ta' intermedjarji, kodiċi ta' kondotta, ftehim fuq kwistjonijiet barra mill-qorti, azzjonijiet ġudizzjarji u koperazzjoni bejn Stati Membri".

35. B'hekk, anki jekk fl-immaġinazzjoni kollettiva d-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku hija dik li bis-saħħa tagħha l-kummerċ elettroniku intrakommunitarju seta' jiżviluppa, id-direttiva nnifisha tillimita ruħha li tirregola ċerti stadji ta' dan il-kummerċ, li permezz tagħhom dan il-kummerċ jitwettaq, billi tipprovdi qafas ġuridiku fil-konfront tagħhom, iżda ma tkoprix ir-rekwiżiti li jirrigwardaw il-moviment liberu tal-merkanzija li eventwalment jikkaġunha. Barra minn hekk, f'din id-direttiva l-enfasi titpoġġa fuq il-kunċett ta'"servizz"u mhux ta'"merkanzija".

36. Fi kliem ieħor, ikun żbaljat li jiġi kkunsidrat li d-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku għandha l-għan ta' liberalizzazzjoni ġenerali tal-kummerċ elettroniku tal-merkanzija. Fil-fatt, minn ebda waħda mid-dispożizzjonijiet tagħha ma jista' jiġi dedott li l-Istati Membri għandhom obbligu ġenerali li, b'mod ġenerali u sistematiku, jawtorizzaw il-bejgħ bl-internet ta' kull tip ta' merkanzija. Barra minn hekk, naħseb li l-opinjoni tiegħi hija kkonfermata mill-analiżi tal-qasam ikkordinat mid-direttiva.

37. Fil-fatt, anki li kieku l-Qorti tal-Ġustizzja kellha xorta waħda tiddeċiedi li testendi l-analiżi tagħha tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku, fil-fehma tiegħi, xorta waħda jifdal minn tal-inqas żewġ raġunijiet li jistgħu jiġġustifkaw il-fatt li l-kompatibbiltà tar-Regolament 7/2004 mad-dritt tal-Unjoni ma tistax tiġi evalwata fid-dawl tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku. Minn naħa,

dan jista' jiġi dedott mid-definizzjoni li din id-direttiva tagħti tal-qasam ikkordinat. Minnaħa l-oħra, naħseb li l-kummerċjalizzazzjoni tal-lentijiet tal-kuntatt ma tistax tiġi kklassifikata, fl-aspetti kollha tagħha, bħala "servizz tas-soċjetà tal-informatika" fis-sens tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku.

38. L-ewwel nett, fir-rigward tal-qasam ikkordinat, l-għan imfittex mid-direttiva, imsemmi fil-punt 34 ta' dawn il-konklużjonijiet, ma jippermettix li jiġi ddikjarat li projbizzjoni ta' bejgħ bl-internet tista' tiġi eżaminata fid-dawl tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku.

39. Barra minn hekk, meta r-Regolament 7/2004 jiddefinixxi, b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet li fihom il-lentijiet tal-kuntatt jistgħu jinbiegħu u jitqassmu lill-konsumaturi finali, u meta, b'mod inċidentali, jipprojbixxi l-bejgħ bl-internet u, għaldaqstant, il-kunsinna fil-post ta' abitazzjoni li, bħala prinċipju, tikkaratterizza dan il-metodu ta' tqegħid fis-suq, meta din ma sseħħx skont ir-rekwiżiti imposti mir-Regolament 7/2004 (jiġifieri biss għall-finijiet ta' prova, adattazzjoni jew familjarizzazzjoni), tali regolament tabilħaqq jorganizza l-metodi tal-kunsinna tagħhom f'sens ġenerali. Fi kwalunkwe każ, ma naħsibx li l-kummerċjalizzazzjoni tal-lentijiet tal-kuntatt, kif irregolata mill-imsemmi regolament, tagħmel parti mill-qasam ikkordinat mid-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku.

40. Fil-fatt, anki jekk, inizjalment il-premessa 18 tipprovdi li "Servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni jifirxu fuq medda aktar kbira ta' attivitajiet ekonomiċi li jseħħu on-line" u li "dawn l-attivitajiet jistgħu, partikolarment, jikkonsistu fil-bejgħ ta' oġġetti online", dan huwa biss sabiex jiġi kkwalifikat immedjatament li "attivitajiet bħal ma huma l-kunsinna ta' merkanzija jew il-provvediment ta' servizzi offline ma humiex koperti". Fir-rigward tal-premessa 21, din tipprovdi b'mod ċar li "l-qasam kordinat ikopri biss ħtiġijiet li jirrigwardjaw attivitajiet online bħal ma hija informazzjoni minn, reklamar online, xiri online, kuntratti online u ma tikkonċernax il-ħtiġijiet legali ta' Stati Membri li jirrigwardaw oġġetti bħal ma huma normi ta' sigurtà, obbligu ta' tikkettjar, jew responsabbiltà għal oġġetti, jew il-ħtiġijiet ta' Stati Membri li jirrigwardaw il-kunsinna jew it-trasport ta' oġġetti, inkluża d-distribuzzjoni ta' prodotti mediċi".

41. Kif jirrilevaw il-Gvernijiet tal-Pajjiżi l-Baxxi u tar-Repubblika Ċeka fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom, id-definizzjoni tal-qasam ikkordinat ipprovduta mill-Artikolu 2(h)(ii) tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku tfakkar din l-esklużjoni ġenerali mill-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva tal-eżiġenzi applikabbli għall-prodotti nfushom u għall-kunsinna tagħhom. Madankollu, hija tfakkar ukoll li peress li d-direttiva "[t]kopri biss ħtiġijiet li jirrigwardjaw attivitajiet online bħal ma

hija informazzjoni minn, reklamar online, xiri online, kuntratti online", hija għandha għalhekk l-għan li tirregola ċerti aspetti tal-kummerċ li eventwalment isir online, iżda mhux li tirregola l-kwistjoni dwar jekk dawn it-tip ta' attivitajiet jew tranżazzjonijiet għandhomx jinfetħu għall-kummerċ bl-internet. Għalhekk, id-direttiva ma tipprovdix iċ-ċirkustanzi li taħthom jista' jiġi validament ipprojbit il-bejgħ bl-internet ta' kategorija ta' merkanzija.

42. It-tieni nett, u minbarra l-analiżi tad-dispożizzjonijiet dwar il-qasam ikkordinat, ir-riferiment għall-kunċett ta' "servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni" huwa fattur ieħor li jippermettili nikkonkludi li d-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku mhijiex rilevanti għall-kawża prinċipali.

43. L-imsemmija direttiva mhijiex intiża li tapplika għas-servizzi kollha, iżda biss għal dik il-kategorija partikolari li tikkostitwixxi s-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni. Għalkemm, skont il-leġiżlazzjoni Ungeriża, il-kummerċjalizzazzjoni tal-lentijiet tal-kuntatt tikkostitwixxi servizz tas-saħħa — li, fi kwalunkwe każ, hija biss klassifikazzjoni purament nazzjonali — ma naħsibx li d-definizzjoni ta' servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni mogħtija mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tista' tiġi effettivament applikata għal din l-attività partikolari.

44. Fil-fatt, il-kliem "servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni" fis-sens tad-Direttiva 98/34, għandu jinftiehem bħala "kull servizz normalment ipprovdut għal rimunerazzjoni, mill-bogħod, b'mezzi elettroniċi u fuq it-talba individwali ta' riċevitur ta' servizzi"[7]. Id-definizzjoni mogħtija tipprovdi wkoll li "'mezzi elettroniċi'; tfisser illi fil-bidu s-servizz jintbagħat u jiġi rċevut fid-destinazzjoni tiegħu permezz ta' tagħmir elettroniku għall-ipproċessar (inkluża kompressjoni diġitali) u l-ħażna ta' data, u dan jiġi trasmess, imwassal u rċevut għal kollox permezz ta' wajers, bir-radjo, b'mezzi ottiċi jew b'mezzi oħra elettro-manjetiċi".

45. Għall-kuntrarju ta' dak li jsostni l-Gvern Ungeriż, jiena naħseb li l-kummerċjalizzazzjoni tal-lentijiet tal-kuntatt, fiha nnifisha, tista' ċertament issir mill-bogħod jew bl-internet. Din il-konstatazzjoni neċessarjament teħtieġ li tiġi aċċettata d-disassoċjazzjoni bejn il-fażi tal-parir mediku, li huma eventwalment meħtieġa qabel il-kunsinna tal-lentijiet tal-kuntatt, u l-bejgħ innifsu ta' dawn il-lentijiet.

46. Madankollu, għall-kuntrarju ta' dak li ssostni l-Kummissjoni Ewropea, anki jekk il-parir mediku jiġi disassoċjat mill-bejgħ tal-lentijiet tal-kuntatt, ma naħsibx li huwa possibbli li l-kummerċjalizzazzjoni

7 — Ara l-punt 4 ta' dawn il-konklużjonijiet.

tal-lentijiet tal-kuntatt tista' tiġi kkunsidrata li tikkostitwixxi, fiha nnifisha u għal kull wieħed mill-istadji tagħha, servizz "kompletament mibgħut, imwassal u riċevut" taħt il-kundizzjonijiet previsti mid-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku. Għalkemm l-ordni tal-lentijiet, l-aċċettazzjoni tagħhom u l-formazzjoni tal-kuntratt ta' xiri online li jirriżulta minn dan kollu jistgħu eventwalment jintbagħtu b'mezzi elettroniċi, xorta waħda jibqa' l-fatt li t-trasport tal-lentijiet tal-kuntatt lill-konsumatur finali jikkonsisti f'operazzjoni li mhijiex elettronika, iżda fiżika. Huwa f'dan l-istadju tal-argument li d-distinzjoni li l-premessa 18 tad-direttiva tagħmel bejn is-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni u l-attivitajiet imwettqa minnhom tikseb is-sinjifikat kollu tagħha.

47. Finalment, infakkar li fil-kawża li tat lok għas-sentenza Dynamic Medien [8] fir-rigward tal-projbizzjoni, fil-Ġermanja, ta' bejgħ bl-internet ta' vidjogrammi li, għall-kuntrarju ta' dak li kienet teżiġi l-leġiżlazzjoni Ġermaniża, ma kinux is-suġġett ta' kontroll u klassifikazzjoni magħmul minn awtorità nazzjonali kompetenti għall-finijiet tal-protezzjoni tal-minuri, kont għamilt riferiment għal ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li tgħid li meta regoli nazzjonali adottati f'settur ikunu s-suġġett ta' armonizzazzjoni eżawrjenti fil-livell tal-Unjoni Ewropea, huma għandhom jiġu evalwati fid-dawl ta' din il-miżura ta' armonizzazzjoni u mhux fid-dawl tad-dritt primarju [9]. Minn dan, jiena kont ikkonkludejt li anki jekk jiġi aċċettat li, minn ċerti aspetti, il-bejgħ ta' vidjogrammi seta' jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku, wieħed xorta waħda seta' jistaqsi liema regoli tad-direttiva setgħu jitqiesu li jwettqu armonizzazzjoni eżawrjenti tad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-protezzjoni tal-minuri, li kien jippermetti li l-verifika tal-projbizzjoni msemmija iktar 'il fuq mad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat tiġi eskluża [10]. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet segwiet dan l-approċċ [11].

48. Dak li kien wassalni biex nikkonkludi f'dan is-sens, jiġifieri li ċerti aspetti tal-attività inkwistjoni setgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku, kien li, l-ewwel u qabel kollox, il-leġiżlazzjoni nazzjonali kienet taċċetta l-prinċipju ta' bejgħ ta' vidjogrammi bl-internet. Is-sitwazzjoni fil-kawża li qed nitrattaw illum hija ferm differenti.

8 — Sentenza tal-14 ta' Frar 2008, Dynamic Medien (C-244/06, Ġabra p. I-505).

9 — Ara l-punt 21 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża li tat lok għas-sentenza Dynamic Medien, iċċitata iktar 'il fuq, kif ukoll is-sentenzi, tat-23 ta' Novembru 1989, Parfümerie-Fabrik 4711 (150/88, Ġabra p. 3891, punt 28); tat-12 ta' Ottubru 1993, Vanacker u Lesage (C-37/92, Ġabra p. I-4947, punt 9); tat-13 ta' Diċembru 2001, DaimlerChrysler (C-324/99, Ġabra p. I-9897, punt 32); tal-24 ta' Ottubru 2002, Linhart u Biffl (C-99/01, Ġabra p. I-9375, punt 18), u tal-11 ta' Diċembru 2003, Deutscher Apothekerverband (C-322/01, Ġabra p. I-14887, punt 64).

10 — Ara l-punt 24 tal-konkluzjonijiet tiegħi, iċċitati iktar 'il fuq.

11 — Ara l-punti 22 u 23 tas-sentenza Dynamic Medien, iċċitata iktar 'il fuq

49. B'hekk, biex jiġi aċċettat li ċerti aspetti tal-kummerċjalizzazzjoni tal-lentijiet tal-kuntatt huma koperti mid-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku, xorta waħda hemm bżonn li l-bejgħ bl-internet tal-lentijiet tal-kuntatt ikun awtorizzat minn qabel. Issa, hekk kif ippruvajt nuri, fl-imsemmija direttiva wieħed ċertament isib diffikultà biex jidentifika r-regoli li jarmonizzaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali, fatt li jippermetti li l-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja, dwar il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li, nfakkar, li għandha l-konsegwenza li tipprojbixxi l-bejgħ bl-internet tal-lentijiet tal-kuntatt, jkun ibbażat biss fuq id-dispożizzjonijiet tagħha.

50. Barra minn hekk, l-istess konstatazzjoni tapplika fir-rigward tad-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE, tal-4 ta' Ġunju 1993, dwar mezzi mediċi [12], li minnhom jagħmlu parti l-lentijiet tal-kuntatt, għaliex din ma tiffissa ebda rekwiżit dwar il-modalitajiet ta' tqegħid fis-suq, ta' kummerċjalizzazzjoni jew ta' kunsinna tagħhom.

51. Għaldaqstant, nipproponi li r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-ewwel domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju, hekk kif interpretata mill-ġdid fil-punt 33 tal-konklużjonijiet preżenti tkun li "l-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li għandha l-konsegwenza li tipprojbixxi l-bejgħ bl-internet tal-lentijiet tal-kuntatt ma tistax tiġi evalwata fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku. Għalhekk, il-kwistjoni dwar jekk il-kummerċjalizzazzjoni tal-lentijiet tal-kuntatt hijiex parir mediku li tirrikjedi l-preżenza fiżika tal-pazjent, fis-sens tal-premessa 18 tal-imsemmija direttiva, mhijiex rilevanti".

52. B'hekk, fin-nuqqas ta' kwalunkwe miżura ta' armonizzazzjoni rilevanti sabiex tissolva l-kwistjoni fil-kawża prinċipali, għandha ssir evalwazzjoni tar-Regolament 7/2004 fid-dawl tad-dritt primarju tal-Unjoni [13], li hija preċiżament is-suġġett taż-żewġ domandi preliminari li ġejjin.

VI — Fuq it-tieni u t-tielet domandi preliminari

A — *Rimarka preliminari*

53. Preliminarjament, jekk tiġi kkunsidrata l-ordni loġika tad-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju, għandu, qabel xejn, jiġi deċiż jekk il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni

12 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 13, Vol. 12, p. 82.

13 — Sentenza Dynamic Medien, iċċitata iktar 'il fuq (punt 23).

tal-leġiżlazzjoni nazzjonali għandhiex tkun evalwata fid-dawl tal-Artikolu 28 KE, u wara jiġi evalwat jekk l-imsemmija leġiżlazzjoni nazzjonali tistax tkun eventwalment iġġustifikata abbażi tal-Artikolu 30 KE.

B — *Analiżi ġuridika*

1. Rimarki preliminari

54. Meta miżura nazzjonali, bħala prinċipju, tirrigwarda kemm il-moviment liberu tal-merkanzija kif ukoll il-provvista libera tas-servizzi l-Qorti tal-Ġustizzja teżaminaha biss fid-dawl ta' waħda minn dawn iż-żewġ libertajiet fundamentali jekk jirriżulta li waħda minn dawn hija kompletament sekondarja meta mqabbla mal-oħra u li tista' tiġi assoċjata magħha [14].

55. Il-Gvern Ungeriż isostni li l-kummerċjalizzazzjoni tal-lentijiet tal-kuntatt, kif irrilevat il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza LPO [15], mhijiex attività kummerċjali bħall-oħrajn u ma tistax tiġi kkunsidrata indipendentament mis-servizzi ta' saħħa mogħtija fil-mument li sseħħ tali kummerċjalizzazzjoni. Barra minn hekk, mis-sentenza Dollond u Aitchison [16] huwa jiddeduċi li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà aċċettat li s-servizzi relatati mal-lentijiet tal-kuntatt ma jistgħux jiġu disassoċjati minn dawn tal-aħħar.

56. Madankollu, jiena nibqa' konvint li ż-żewġ attivitajiet, jiġifieri l-bejgħ ta' lentijiet tal-kuntatt, minn naħa, u l-parir mediku li eventwalment isegwi tali kummerċjalizzazzjoni, min-naħa l-oħra, jistgħu effettivament jiġu disassoċjati.

57. Ma naħsibx li r-riferiment għas-sentenza Dollond u Aitchison hija rilevanti minħabba d-differenza sostanzjali fin-natura tad-domanda li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tikkunsidra f'dak il-każ meta mqabbla ma dik inkwistjoni llum. Fil-fatt, fl-imsemmija sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tiddeċiedi fuq il-metodi ta' kalkolu tal-VAT għal servizz mogħti minn intrapriża Kommunitarja li kien jikkonsisti fil-fornitura ta' lentijiet tal-kuntatt u ta' servizzi li, b'mod partikolari, kienu jikkonsistu f'eżamijiet tal-vista. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma ntalbitx tiddeċiedi dwar il-ħtieġa li ż-żewġ attivitajiet

14 — Sentenzi tal-26 ta' Mejju 2005, Burmanjer *et* (C-20/03, Ġabra p. I-4133, punt 35); tal-24 ta' Marzu 1994, Schindler (C-275/92, Ġabra p. I-1039, punt 22), kif ukoll, tas-25 ta' Marzu 2004, Karner (C-71/02, Ġabra p. I-3025, punt 46).

15 — Sentenza tal-25 ta' Mejju 1993, LPO (C-271/92, Ġabra p. I-2899, punt 11).

16 — Sentenza tat-23 ta' Frar 2006, Dollond & Aitchison (C-491/04, Ġabra p. I-2129, punt 35).

jiġu kkunsidrati flimkien, b'mod sistematiku. Għaldaqstant, u għall-kuntrarju ta' dak li jsostni l-Gvern Ungeriż, f'dik is-sentenza hija ma ntrabtitx għall-futur li l-imsemmija attivitajiet ma jistgħux ikunu disassoċjati.

58. Barra minn hekk, fis-seduta, il-Gvern Ungeriż kien mistieden jispeċifika l-kundizzjonijiet li bihom jingħata, bħala prinċipju, is-servizz tas-saħħa - irrapreżentat, skont l-imsemmi Gvern, mill-kummerċjalizzazzjoni tal-lentijiet tal-kuntatt. Issa, għalkemm huwa paċifiku li preskrizzjoni medika għandha tinkiseb qabel il-bejgħ, is-servizzi l-oħra tas-saħħa mhumiex neċessarjament konkomitanti mal-bejgħ, u l-protokoll mediku li eventwalment jakkumpanjah ivarja sostanzjalmanent skont l-istadji ta' bejgħ previsti.

59. Ladarba tiġi aċċettata d-disassoċjazzjoni ta' dawn l-attivitajiet, jidher b'mod ċar li l-kompatibbiltà tar-Regolament 7/2004 mad-dritt tal-Unjoni għandha tiġi eżaminata fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-merkanzija. Barra minn hekk, il-Gvern Ungeriż ma jidhirx li jikkuntesta l-eżistenza ta' restrizzjonijiet għall-bejgħ tal-lentijiet tal-kuntatt lill-pazjenti [17]. Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li meta l-Qorti tal-Ġustizza evalwat il-kompatibbiltà ta' miżura li tipprojbixxi l-bejgħ ta' vidjogrammi b'korrispondenza [18], jew, iktar simili ma' dan il-każ, il-bejgħ ta' prodotti mediċinali bl-internet [19], hija bbażat ruħha fuq il-moviment liberu tal-merkanzija.

17 — Ara l-punt 34 tal-osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati mill-Gvern Ungeriż.

18 — Ara s-sentenza Dynamic Medien, iċċitata iktar 'il fuq (punti 26 *et seq*).

19 — Sentenza Deutscher Apothekerverband, iċċitata iktar 'il fuq (punti 64 *et seq*).

20 — Fis-sens tal-ġurisprudenza Cassis de Dijon, b'mod partikolari [ara s-sentenzi, tal-20 ta' Frar 1979, Rewe-Zentral (120/78, Ġabra p. 649), u Keck u Mithouard, iċċitata iktar 'il fuq (punt 15)].

2. Dwar l-eżistenza ta' miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fuq l-importazzjoni

60. Għalhekk, tqum il-kwistjoni jekk il-projbizzjoni tal-bejgħ tal-lentijiet tal-kuntatt li tirriżulta mil-leġizlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tmurx kontra l-Artikolu 28 KE.

61. Ir-Regolament 7/2004 ma jimponix rekwiżiti li għandhom jiġu sodisfatti mil-lentijiet tal-kuntatt [20], iżda jindika biss li l-bejgħ għandu jsir f'ħanut speċjalizzat, li josserva l-eżiġenzi dwar is-superfiċje minima u l-persunal kwalifikat, jew eventwalment permezz ta' kunsinna fil-post ta' abitazzjoni għall-finijiet ta' prova jew ta' adattazzjoni, iżda bl-ebda mod permezz tal-internet. Għalhekk huwa tabilħaqq jistabbilixxi l-metodi speċifiċi ta' bejgħ ta' din it-tip ta' merkanzija.

62. Issa, skont il-formola użata fis-sentenza Keck u Mithourard [21] "l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jillimitaw jew jipprojbixxu ċerti modalitajiet ta' bejgħ għal prodotti minn Stati Membri oħra, mhijiex tali li tostakola, direttament jew indirettament, effettivament jew potenzjalment, il-kummerċ bejn l-Istati Membri […] sakemm tali dispożizzjonijiet huma applikabbli għan-negozjanti kollha kkonċernati li joperaw fit-territorju nazzjonali, u sakemm jaffettwaw bl-istess mod, fid-dritt u fil-fatt, il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti nazzjonali u ta' dawk minn Stati Membri oħra." Huwa biss f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-miżura nazzjonali tkun tista tevita l-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 28 KE.

63. Fir-rigward tal-ewwel rekwiżit, mhuwiex kontestabbli li l-miżura nazzjonali inkwistjoni effettivament tapplika bl-istess mod għall-operaturi kollha kkonċernati li joperaw fit-territorju Ungeriż, għaliex kull wieħed mill-operaturi li jixtieq jintervjeni fis-suq Ungeriż tal-lentijiet tal-kuntatt irid jikkonforma ruħhu mar-rekwiżiti tar-Regolament 7/2004.

64. Min-naħa l-oħra, jidhirli li r-rekwiżiti imposti mid-dritt Ungeriż għall-kummerċjalizzazzjoni tal-lentijiet tal-kuntatt jaffettwaw b'mod iktar sinjifikattiv il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti minn Stati Membri oħra.

65. Ċertament, xejn ma jipprojbixxi lill-operaturi stabbiliti fit-territorju ta' Stat Membru ieħor milli jiftħu ħanut speċjalizzat li josserva r-rekwiżiti imposti mir-Regolament 7/2004 bil-għan li jikkummerċjalizzaw il-lentijiet tal-kuntatt. Madankollu, in-natura iktar obbligatorja u oneruża ta' tali kummerċ hija evidenti. L-interess fil-bejgħ online huwa preċiżament li l-internet joffri lill-operaturi vetrina li għandha viżibbiltà transkonfinali, mingħajr il-bżonn li l-operatur ibati l-ispejjeż u l-obbligi marbuta mal-pussess ta' ħanut "reali". Il-bejgħ online huwa metodu ta' bejgħ alternattiv għall-kummerċ kif nifhmuh tradizzjonalment, u jikkostitwixxi metodu addizzjonali għall-operaturi nazzjonali li jilħqu klijentela li, mill-perspettiva ġeografika, mhijiex limitata għall-popolazzjoni biswit il-ħanut fiżiku.

66. B'hekk, u fir-rigward tal-projbizzjoni Ġermaniża ta' bejgħ ta' prodotti mediċinali bl-internet, il-Qorti tal-Ġustizza diġà ddeċidiet li"projbizzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali toħloq iktar diffikultà lill-ispiżeriji li jinsabu barra l-Ġermanja milli lil dawk li jinsabu fit-territorju Ġermaniż. Għal dawn tal-aħħar, ftit jista' jiġi kkontestat li din il-projbizzjoni ċċaħħadhom minn [mezz] addizzjonali jew alternattiv li jilħqu s-suq Ġermaniż tal-konsumaturi finali tal-prodotti mediċinali, iżda xorta jibqa' l-fatt li huma għandhom il-possibbiltà li jbiegħu l-prodotti mediċinali fil-ħwienet tagħhom. Min-naħa l-oħra, l-internet huwa mezz iktar importanti għall-ispiżeriji li mhumiex stabbiliti fit-territorju Ġermaniż biex jilħqu direttament l-imsemmi suq. Projbizzjoni li tolqot iktar lill-ispiżeriji stabbiliti barra mit-territorju [nazzjonali] tista' tkun ta' natura li tostakola iktar l-aċċess għas-suq tal-prodotti ġejjin minn Stati Membri oħra

21 — Sentenza Keck u Mithouard, iċċitata iktar 'il fuq (punt 16).

milli dak tal-prodotti nazzjonali" [22]. Għalhekk jidher li l-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat b'mod ċar li l-projbizzjoni ta' bejgħ bl-internet ta' kategorija ta' merkanzija tippenalizza iktar lill-operaturi ekonomiċi li ma jinstabux fit-territorju nazzjonali. Fil-fehma tiegħi, dan irraġunar jista' tabilħaqq jiġi adottat fil-kawża preżenti, peress li l-leġiżlazzjoni Ungeriża mhux biss teżiġi li l-bejgħ tal-lentijiet talkuntatt isir esklussivament f'ħanut fiżiku, iżda li, barra minn hekk, dan tal-aħħar irid jissodisfa l-kriterji ta' superfiċje u ta' persunal kwalifikat.

67. Barra minn hekk, fis-seduta l-Gvern Ungeriż ammetta li l-prodotti Ungeriżi li jistgħu jiġu kkumerċjalizzati fi ħwienet speċjalizzati f'apparat mediku, u b'mod iktar partikolari f'lentijiet tal-kuntatt, tirrappreżenta kwantità tassew negliġibbli, mingħajr madankollu ma kien f'pożizzjoni li jipprovdi data numerika. Għalhekk huwa evidenti li l-projbizzjoni tolqot essenzjalment il-prodotti minn Stati Membri oħra tal-Unjoni.

68. Fl-aħħar nett, u fir-rigward tattieni rekwiżit kumulattiv impost mir-Regolament 7/2004, jiġifieri r-rekwiżit *ratione personae*, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkonkludiet li leġiżlazzjoni li tirriżerva l-bejgħ ta' lentijiet tal-kuntatt għal persunal speċjalizzat jista' jkollha effett fuq il-kummerċ intrakommunitarju [23].

69. Għaldaqstant, projbizzjoni nazzjonali ta' bejgħ bl-internet ta' lentijiet tal-kuntatt, bħal dik prevista mir-Regolament 7/2004, tikkostitwixxi miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fis-sens tal-Artikolu 28 KE.

3. Dwar il-possibbiltà li l-miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva tiġi ġġustifikata abbażi tal-Artikolu 30 KE

70. Il-projbizzjoni, imposta mill-Artikolu 28 KE, ta' miżuri li għandhom effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva madankollu mhijiex assoluta, għaliex dawn il-miżuri jistgħu jiġu ġġustifikati minħabba li huma neċessarji sabiex jiġu sodisfatti raġunijiet ta' interess ġenerali elenkati fl-Artikolu 30 KE, jew eżiġenzi imperattivi. Il-Gvern Ungeriż jargumenta li r-Regolament 7/2004 huwa intiż li jilħaq għan ta' interess ġenerali, li huwa dak tal-protezzjoni tas-saħħa pubblika.

71. Fil-fatt, hija ġurisprudenza stabbilita li miżura li għandha effett ekwivalenti

22 — Sentenza Deutscher Apothekerverband, iċċitata iktar 'il fuq (punt 74).

23 — Sentenza LPO, iċċitata iktar 'il fuq (punt 8).

għal restrizzjoni kwantitattiva tista' tiġi ġġustifikata abbażi tal-protezzjoni tas-saħħa u tal-ħajja tal-persuni. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret diversi drabi li "s-saħħa u l-ħajja tal-persuni jokkupaw l-ewwel post fost l-oġġetti u l-interessi protetti mit-Trattat" [24].

u lanqas persunal kwalifikat [26]. Madankollu, din il-kompetenza mħollija lill-Istati Membri għandha tiġi eżerċitata b'osservanza tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat [27].

73. B'hekk, għandha tiġi analizzata l-proporzjonalità *per se* tas-sistema adottata fir-rigward tal-għan mfittex ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika.

72. Għalkemm huwa minnu li jista' jingħad li t-Trattati ma tawx lill-Unjoni kompetenza sħiħa u kompleta f'dan il-qasam, u li s'issa dan għadu sostanzjalment maqsum bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, kif jixhed l-Artikolu 152 KE, huwa dawn tal-aħħar li għandhom jiddeċiedu l-livell ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika li huma jixtiequ joffru u l-mezzi li għandhom jiġu implementati biex dan jintlaħaq [25]. Huwa effettivament paċifiku li l-livelli jistgħu jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor, li jimplika li l-Istati Membri għandhom ċerta marġni ta' diskrezzjoni. B'hekk, ir-Regolament 7/2004 ma jistax jiġi kkunsidrat li mhuwiex iġġustifikat, peress li mhuwiex proporzjonat fir-rigward tal-Artikolu 30 KE, biss minħabba l-fatt li fi Stati Membri oħra tal-Unjoni l-kummerċjalizzazzjoni tal-lentijiet tal-kuntatt ma tirrikjedix la preskrizzjoni medika, la negozju speċjalizzat

74. Skont il-Gvern Ungeriż, ir-Regolament 7/2004 jfittex għan leġittimu ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika li jikkonsisti fil-protezzjoni tal-interessi tal-pazjenti. Fid-dawl tal-fatt li l-lentijiet tal-kuntatt huma apparat mediku partikolarment invażiv f'kuntatt dirett mal-membrana tal-għajn, huwa importanti ħafna li jiġi evitat in-nuqqas ta' teħid bis-serjetà tal-att ta' bejgħ tal-lentijiet tal-kuntatt biex jiġi evitat b'mod aħjar it-tibdil fil-vista u l-mard oftalmiku li jistgħu jkunu kkawżati minn użu ħażin tal-lentijiet tal-kuntatt u li jistgħu jagħtu lok għal ħsara irriparabbli fil-vista. Din hija r-raġuni għaliex il-kundizzjonijiet ta' bejgħ tal-lentijiet tal-kuntatt huma strettament irregolati, u għaliex il-preżenza tal-pazjent hija neċessarja f'kull stadju ta' dan il-bejgħ. Il-pazjent għandu jkun f'kuntatt ma' professjonist li jista' jagħtih parir u jsegwih tul l-esperzjenza kollha tiegħu mal-lentijiet tal-kuntatt, jiġifieri mill-mument tal-preskrizzjoni, sussegwentement fil-bejgħ, iżda wkoll fil-prova u fl-aġġustament. Il-monitoraġġ magħmul f'kull waħda mill-visti tal-pazjent jeħtieġ l-eżistenza ta' negozju

24 — Sentenzi, tas-7 ta' Marzu 1989, Schumacher, (215/87, Ġabra p. 617, punt 17); tas-16 ta' April 1991, Eurim-Pharm (C-347/89, Ġabra p. I-1747, punt 26); tat-8 ta' April 1992, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-62/90, Ġabra p. I-2575, punt 10); tal-10 ta' Novembru 1994, Ortscheit (C-320/93, Ġabra p. I-5243, punt 16); Deutscher Apothekerverband, iċċitata iktar 'il fuq (punt 103); tal-11 ta' Settembru 2008, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-141/07, Ġabra p. I-6935, punt 46), kif ukoll tad-19 ta' Mejju 2009, Apothekerkammer des Saarlandes *et* (C-171/07 u C-72/07, Ġabra p. I-4171, punt 19).

25 — Sentenza Apothekerkammer des Saarlandes *et*, iċċitata iktar 'il fuq (punti 18 u 19).

26 — Sentenza, tal-11 ta' Settembru 2008, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, iċċitata iktar 'il fuq (punt 51).

27 — Sentenza, tal-1 ta' Frar 2001, Mac Quen *et* (C-108/96, Ġabra p. I-837, punt 24), kif ukoll s-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, iċċitata iktar 'il fuq (punt 23).

speċjalizzat b'superfiċje minima ta' 18m2, jew ħanut separat mill-workshop, dejjem skont il-Gvern Ungeriż, ir-rekwiżit ta' superfiċje minima jiggarantixxi li l-ħanut ikollu l-apparat u l-ispazju meħtieġ biex ikunu jistgħu jsiru l-eżamijiet, iżda wkoll l-ispazju biżżejjed għall-preżentazzjoni tal-prodotti u tal-istruzzjonijiet għall-użu. Kull kuntatt tal-professjonist mal-pazjent għandu jagħti l-opportunità għall-verifika, jekk jeħtieġ, tal-istat ta' vista ta' dan tal-aħħar permezz taż-żamma ta' eżamijiet, u sabiex dan jingħata pariri u informazzjoni. B'hekk, peress li mhuwiex possibbli li ssir id-dispensa tal-preżenza tal-pazjent, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, il-Gvern Ungeriż jeskludi li l-eżamijiet u l-provi jistgħu jsiru mill-bogħod [28]. Fl-aħħar nett, il-Gvern Ungeriż jikkunsidra li r-Regolament 7/2004 huwa neċessarju u proporzjonali. L-għan imfittex mir-Repubblika tal-Ungerija, jiġifieri l-preżervazzjoni tas-saħħa tal-għajnejn, jista' jintlaħaq biss billi tiġi ggarantita l-preżenza tal-pazjent f'kull stadju tal-fornitura medika tal-lentijiet tal-kuntatt u l-kuntatt sistematiku tiegħu ma' persuna kwalifikata. Ir-rekwiżiti tal-imsemmi regolament għandhom il-kapaċità meħtieġa biex jintlaħaq dan il-għan, konformament mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni.

75. Għalkemm il-preokkupazzjonijiet tal-Gvern Ungeriż fir-rigward tas-saħħa tal-għajnejn huma ċertament ta' min ifaħħarhom, ma nistax inżomm lili nnifsi milli naħseb li teżisti ċerta inkoerenza, jekk mhux saħansitra kontradizzjoni, fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, fir-rigward ta' din il-kwistjoni.

76. Fir-rigward tar-rekwiżit *ratione personae*, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li leġiżlazzjoni nazzjonali li tirriżerva d-dritt ta' bejgħ ta' prodotti mediċinali lill-persuni kwalifikati hija kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, u ġġustifikat dan, b'mod partikolari, bil-fatt li dawn it-tip ta' persuni jistgħu jikkontrollaw l-awtenticità tal-preskrizzjonijiet b'mod iktar sodisfaċenti [29]. Ċertu paralleliżmu jista' jinġibed mal-kawża preżenti sa fejn l-Istat Ungeriż jissuġġetta l-kunsinna ta' lentijiet tal-kuntatt għall-pussess ta' preskrizzjoni medika. Minkejja dan il-fatt, ma tistax ma tiġix irrilevata d-differenza fin-natura bejn iż-żewġ kategoriji ta' merkanzija kkonċernati, fis-sens li l-lentijiet tal-kuntatt mhumiex ikkunsidrati bħala prodotti mediċinali suġġetti għal preskrizzjoni, iżda bħala apparat mediku. F'kull każ, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà aċċettat, minn tal-inqas indirettament, il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tirrikjedi l-preżenza, f'kull ħanut, ta' impjegati jew assoċjati kwalifikati li jeżaminaw l-għajnejn [30].

77. Id-dritt li r-Repubblika tal-Ungerija għandha li żżomm fis-seħħ leġiżlazzjoni li

28 — Ara l-punt 46 tal-osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati mill-Gvern Ungeriż.

29 — Sentenza Deutscher Apothekerverband, iċċitata iktar 'il fuq (punt 119).

30 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-21 ta' April 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-140/03, Ġabra p. I-3177, punt 35).

tissuġġetta l-kunsinna ta' lentijiet tal-kuntatt għal preskrizzjoni medika ma jistax jiġi kkuntestat. Madankollu, il-fatt li l-kawża preżenti tirrigwarda apparat mediku — u mhux prodotti mediċinali — għandu l-effett li jnaqqas l-intensità tal-obbligu ta' informazzjoni u ta' parir professjonali fid-dawl tad-differenza f'termini ta' riskju. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li "b'differenza mill-prodotti tal-ottika, il-prodotti mediċinali preskritti jew użati għal raġunijiet terapewtiċi jistgħu madankollu jkunu ta' perikolu għas-saħħa jekk dawn jittieħdu mingħajr bżonn jew b'mod mhux korrett, mingħajr ma l-konsumatur ikun konxju minn dan meta jeħodhom" [31]. Għaldaqstant, il-parallelliżmu mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq il-prodotti mediċinali jieqaf hawn.

78. It-tħassib dwar il-protezzjoni u l-preżervazzjoni tas-saħħa pubblika muri mill-Gvern Ungeriż huwa ċertament leġittimu. Dan tal-aħħar jidentifika konsegwenzi gravi marbuta ma' użu ħażin tal-lentijiet tal-kuntatt. Madanakollu, ma jistax jiġi miċħud li r-rekwiżit *ratione materiae* impost mir-Regolament 7/2004 jdgħajjef l-argument tal-Gvern Ungeriż.

79. Fil-fehma tiegħi, in-natura mhux proporzjonali tal-miżura għandha, b'mod partikolari, titfittex f'dan ir-rekwiżit *ratione materiae* li għandu bħala konsegwenza li jċaħħad lill-persuni kwalifikati li joperaw fit-territorju ta' Stat Membru ieħor milli jkollhom aċċess għas-suq Ungeriż u milli jbiegħu hemmhekk il-merkanzija tagħhom.

80. Fil-fatt, il-projbizzjoni b'mod assolut tal-kummerċjalizzazzjoni tal-lentijiet tal-kuntatt bl-internet ma tiħux inkunsiderazzjoni l-ipoteżi fejn tali kummerċjalizzazzjoni ssir minn persunal kwalifikat eventwalment stabbiliti fit-territorju ta' Stat Membru ieħor [32].

81. Jekk ir-rabta bejn is-superfiċje minima ta' 18m2 u l-kwalità tal-informazzjoni jew tal-monitoraġġ ma tidhirx evidenti, hekk kif ġustament irrilevaw kemm il-Gvernijiet tal-Pajjiżi l-Baxxi u tar-Repubblika Ċeka kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom, għandu jistqarr li din hija inqas u inqas evidenti fid-dawl tal-fatt li l-kunsinna tal-lentijiet tal-kuntatt fil-post ta' abitazzjoni hija awtorizzata. Fil-fatt, teżisti kontradizzjoni intrinsika fir-Regolament 7/2004. Filwaqt li jeżiġi ħanut b'superfiċje minima suffiċjenti biex tilqa' l-materjal meħtieġ u biex ikunu jistgħu jsiru l-eżamijiet, dan ir-regolament jawtorizza l-kunsinna tal-lentijiet tal-kuntatt fil-post ta' abitazzjoni għal finijiet

31 — Sentenza Apothekerkammer des Saarlandes *et*, iċċitata iktar 'il fuq (punt 60).

32 — Barra minn hekk, hija din l-ipoteżi li kienet tressqet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Deutscher Apothekerverband, iċċitata iktar 'il fuq, li f'dak il-każ kienet tirrigwarda l-ispiżjara.

ta' prova u ta' adattazzjoni. Naħseb li din hija l-prova li d-diversi attivitajiet, li l-Gvern Ungeriż jisforza li juri li għandhom natura disassoċjabbli, jistgħu effettivament jiġu kkunsidrati b'mod indipendenti.

82. Fir-rigward tal-kunsinna fil-post ta' abitazzjoni, jidher li l-Gvern Ungeriż jitlaq mill-premessa li tgħid li l-kummerċjalizzazzjoni bl-internet twassal għall-kunsinna ta' lentijiet tal-kuntatt li tista' ssir biss minn kurjer jew pustier u mhux minn professjonist. Issa, sa fejn fir-risposta tiegħu għad-domanda bil-miktub magħmula mill-imħallef relatur il-Gvern Ungeriż jidher li jargumenta li l-kunsinna fil-post ta' abitazzjoni tal-lentijiet tal-kuntatt għall-finijiet ta' prova jew adattazzjoni ssir minn persuni kwalifikati fl-Ungerija, xejn ma jżomm lil wieħed milli jimmaġina sistema ta' bejgħ bl-internet fejn il-kunsinna ssir wkoll minn persuni kwalifikati.

83. Barra minn hekk, u bħala konsegwenza ta' dak li diġà ntqal fil-punt 77 tal-konklużjonijiet preżenti, il-leġiżlazzjoni Ungeriża tista' ġustament tiġi kkritikata talli ma tagħmel ebda distinzjoni fir-rigward tal-obbligu ta' preżenza konkomitanti tal-pazjent u tal-professjonist fil-ħanut speċjalizzat. Għalkemm wieħed jista' jaċċetta li l-informazzjoni u l-pariri huma ta' importanza kbira fil-mument tal-ewwel preskrizzjoni u malli jsir l-ewwel użu tal-lentijiet tal-kuntatt, ix-xerrejja li ilhom jużaw dan l-apparat mediku għal ċertu żmien ma għandhomx l-istess bżonnijiet. Huwa f'dan is-sens li wieħed jista' jikkonċepixxi, pereżempju meta jsir it-tiġdid, obbligu ta' informazzjoni u ta' parir ta' intensità inqas qawwija. Għalhekk, mhuwiex evidenti li min jopera bl-internet la huwa f'pożizzjoni li jikkontrolla l-awtentiċità tal-preskrizzjonijiet, jekk ikun hemm bżonn, u lanqas li jagħti informazzjoni u pariri suffiċjenti permezz tal-mezzi opportuni bħalma huma, pereżempju, twissija fuq is-sit internet li eventwalment tfakkar dwar il-bżonn li jittieħed parir f'każ ta' problemi jew l-inklużjoni ta' noti ta' spjegazzjoni fil-pakkett.

84. In-nuqqas ta' distinzjoni huwa wkoll ikkonfermat mill-fatt li l-Gvern Ungeriż jidher li ma jagħmel ebda distinzjoni la bejn il-lentijiet tal-kuntatt imsejħa "riġidi" u l-lentijiet tal-kuntatt imsejħa "rotob", u lanqas bejn il-lentijiet tal-kuntatt li jikkoreġu difett fil-vista u dawk li jagħtu biss kulur lill-ħabba tal-għajn. L-intervent tal-professjonist biex il-lentijiet tal-kuntatt riġidi jiġu adattati għall-għajnejn tal-pazjent tista' tiġi kkunsidrata bħala operazzjoni delikata minħabba li, skont dak li qal il-Gvern Ungeriż waqt is-seduta, il-professjonist jintervjeni fuq il-prodott. Il-kunsinna tal-lentijiet tal-kuntatt riġidi jistħoqqilha monitoraġġ partikolari li jikkonsisti fil-proċess ta' adattazzjoni u ta' verifika. Għall-kuntrarju, dan il-proċess huwa ħafna inqas evidenti fil-każ li jiġu preskritti lentijiet tal-kuntatt rotob. Barra minn hekk, ċerti lentijiet jistgħu jkollhom biss għan

kosmetiku, u għalkemm għandhom jingħataw istruzzjonijiet dwar il-manutenzjoni, il-monitoraġġ tal-użu tagħhom huwa ħafna inqas obbligatorju meta mqabbel mal-lentijiet tal-kuntatt li jkollhom għan terapewtiku.

85. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, jidhirli li huwa kemm huwa leġittimu l-għan imfittex mir-Regolament 7/2004, l-għan ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika jista' jintlaħaq permezz ta' mezzi inqas restrittivi għall-moviment liberu tal-merkanzija.

86. Għaldaqstant, nipproponi li r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għat-tieni u t-tielet domanda, kif imfassla mill-ġdid, għandha tkun li "l-Artikolu 28 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li leġiżlazzjoni nazzjonali li teżiġi, għall-kummerċjalizzazzjoni tal-lentijiet tal-kuntatt, il-pussess ta' ħanut speċjalizzat f'apparat mediku ta' superfiċje minima ta' 18 m2 jew ta' ħanut separat mill-workshop, kif ukoll il-preżenza ta' persunal kwalifikat, u li għandha l-konsegwenza li tipprojbixxi l-bejgħ bl-internet, tikkostitwixxi miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fuq l-importazzjoni. L-Artikoli 28 u 30 KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li din il-leġiżlazzjoni mhijiex iġġustifikata minn raġunijiet ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ħajja tal-persuni, sa fejn l-istess għan jista' jinkiseb permezz ta' miżuri inqas restrittivi".

VII — Konklużjoni

87. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nipproponi li r-risposta għad-domandi magħmula mill-Baranya Megyei Bíróság tkun li:

"1) Il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li għandha l-konsegwenza li tipprojbixxi l-bejgħ bl-internet tal-lentijiet tal-kuntatt ma

tistax tiġi evalwata fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Ġunju 2000, dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-suq intern. Għalhekk, mhijiex rilevanti l-kwistjoni dwar jekk il-kummerċjalizzazzjoni tal-lentijiet tal-kuntatt hijiex parir mediku li tirrikjedi l-preżenza fiżika tal-pazjent fis-sens tal-premessa 18 tal-imsemmija direttiva.

2) L-Artikolu 28 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li leġiżlazzjoni nazzjonali li teżiġi, għall-kummerċjalizzazzjoni tal-lentijiet tal-kuntatt, il-pussess ta' ħanut speċjalizzat f'apparat mediku ta' superfiċje minima ta' 18 m2 jew ta' ħanut separat mill-workshop, kif ukoll il-preżenza ta' persunal kwalifikat, u li għandha l-konsegwenza li tipprojbixxi l-bejgħ bl-internet, tikkostitwixxi miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fuq l-importazzjoni.

3) L-Artikoli 28 u 30 KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li din il-leġiżlazzjoni mhijiex iġġustifikata minn raġunijiet ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ħajja tal-persuni, sa fejn l-istess għan jista' jinkiseb permezz ta' miżuri anqas restrittivi."